MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 56/2019 LM

**Elmo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Karl Fenech u l-istess Karl Fenech u b'effett mid-digriet mogħti fil-5 ta' Mejju 2016 l-isem tar-rikorrent u assigurat "Karl Fenech" ġie jaqra "Vision Car Leasing Limited"**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Mapfre Middlesea plc**
*("is-soċjetà appellanta")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata, hawnhekk "is-soċjetà appellanta", **Mapfre Middlesea plc (C 5553)** mil-lodo arbitrali mogħti miċ-

Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fl-10 ta' Ġunju 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi,

> *".... filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, b'dan li tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-7 ta' Mejju 2014 fi Triq Fisher, Mġarr, Malta, ġara unikament tort ta' assikurat tas-soċjetà rikorrenti[1]; tiddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw għas-somma ta' ħames mija tlieta u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€563.61); tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €563.61 u dan in kwantu għas-somma ta' €394.61 dovuta lir-rikorrenti soċjetà Elmo Insurance Limited u in kwantu għas-somma ta' €169 lir-rikorrenti Vision Car Leasing Limited u dan in linea ta' danni; tikkundanna lill-intimat iħallas l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ottubru 2015, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra s-soċjetà intimata; tikkundanna lill-intimat iħallas l-interessi legali fuq il-quantum tad-danni b'effett mill-15 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-ħlas finali."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti ressqu proċeduri quddiem it-Tribunal wara li fis-7 ta' Mejju 2014 l-vettura tal-assikurat tagħha Karl Fenech sfat milquta waqt li din kienet ipparkjata ġewwa Triq Fisher, l-Imġarr, Malta. L-inċident ġie deskritt bħala "*hit and run*", u l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti qal li huwa sar jaf li l-vettura tiegħu sfat milquta wara li ħabbatlu l-bieb tad-dar u ġie infurmat li karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158 kienet laqtet il-vettura tiegħu.

[1] Evidentement it-Tribunal kien qed jirreferi għas-soċjetà intimata u mhux għas-soċjetà rikorrenti.

**Mertu**

3. Permezz tal-azzjoni tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti talbet li l-assikurat tas-soċjetà intimata jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għad-danni kollha riżultanti. Talbet li dawn id-danni jiġu likwidati fis-somma ta' ħames mija u tlieta u sittin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu €563.61). Talbet ukoll li s-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallas id-danni kif likwidati, flimkien mal-ispejjeż legali u l-ispejjeż kollha relatati.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li x-xufier tal-vettura assikurata magħha ma kienx involut fl-inċident inkwistjoni, u li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. Żiedet tgħid li għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u għandha tinġieb prova li l-vettura misjuqa mill-assikurat tas-soċjetà intimata kienet involuta fl-inċident, ladarba l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti stqarr li huwa ma rax l-inċident iseħħ. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li l-ammont ta' danni pretiż għandu jiġi ppruvat.

5. **Karl Fenech**, l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti, spjega li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni NQZ 403 hija mikrija lilu biex jużaha fix-xogħol tiegħu, u dakinhar tal-inċident huwa pparkja l-vettura quddiem id-dar tiegħu fi Triq Fisher, l-Imġarr. Qal li madwar siegħa wara, sema' l-bieb tad-dar iħabbat, u hemmhekk sab raġel ma jafux, li qallu li kienet għaddiet karozza tal-linja li laqtitlu l-ġenb tal-karozza. Ix-xhud qal li l-ħsarat kienu fil-parti ta' quddiem tal-

vettura, u hu kien għamel rapport lill-Pulizija. Qal ukoll li mal-karozza kien hemm tiċpis taż-żebgħa ta' lewn ċelesti.

Is-soċjetà intimata, permezz ta' verbal quddiem l-Arbitru, qalet li l-*quantum* tad-danni mhux jiġi kkontestat minnha.

**PC 1511 Kevin Tabone** xehed li huwa kien spezzjona l-ħsarat fil-vettura waqt li kienet għadha pparkjata, mingħajr ma tkellem mal-partijiet. Qal ukoll li l-vettura kellha ħsara fil-*bumper* ta' quddiem u fil-parti tal-lemin tagħha.

**Kevin Donne** fix-xhieda tiegħu qal li huwa jaħdem bħala xufier mal-Malta Public Transport, u fl-2014 huwa kien ġie kkuntattjat mill-Pulizija li qalulu madwar ġimagħtejn qabel huwa kien involut f'inċident fl-Imġarr, meta l-vettura BUS 158 laqtet vettura oħra li kienet ipparkjata. Ix-xhud qal li l-Pulizija kienu vverifikaw li kien hu x-xufier ta' dik il-vettura dakinhar li seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li huwa kien informa lill-Pulizija li huwa kien għadda mill-Imġarr, imma ma kien involut fl-ebda inċident. Ix-xhud qal li wara li nforma lill-kumpannija li huwa impjegat magħha, huwa kien ġie infurmat li fil-ħin meta seħħ l-inċident huwa ma kienx fl-inħawi tal-Imġarr, iżda r-rotta li kien fuqha kienet dik ta' Tas-Sliema u San Ġiljan. Qal ukoll li l-Pulizija ma talbitx biex teżamina l-vettura li kienet misjuqa minnu dakinhar. Imma x-xhud qal li huwa jaf fejn hi t-triq fejn kien ipparkjat l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti, u jaf li din hija triq dejqa ħafna.

Xhud ieħor, **Rita Azzopardi**, li taħdem bħala *risk and insurance executive* ma' Malta Public Transport (Services) Limited, qalet li r-rapport lil Malta Public Transport (Services) Limited sar dakinhar li l-Pulizija bagħtu għax-xufier, u kien ix-xufier li informa lill-kumpannija b'dan l-allegat inċident. F'seduta ulterjuri, din l-istess xhud qalet li r-*records* tar-rotta jinżammu mill-MPT għal xahrejn, u għalhekk meta ġiet analizzata d-*data* li ħarġet mit-*tracking device,* irriżulta li fil-ħin indikat, ix-xufier kien lejn Tas-Sliema. Ix-xhud qalet li x-xufier tal-MPT kien ħadha bi kbira meta ġie mgħarraf li kien involut f'inċident.

**PC 854 Dennis Camilleri** xehed li huwa kien xogħol l-għassa tal-Mosta dakinhar li Karl Fenech għamel rapport li xi ħadd kien laqat il-vettura tiegħu li kienet ipparkjata quddiem id-dar tiegħu. Ix-xhud qal li hu ma ċċekkjax il-karozza tal-linja allegatament involuta fl-inċident.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Ġunju, 2019, it-Tribunal ikkonkluda li l-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-7 ta' Mejju, 2014 fi Triq Fisher, l-Imġarr, Malta, ġara unikament tort tal-assigurat tas-soċjetà intimata; iddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw għal ħames mija u tlieta u sittin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€563.61); ikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €563.61 u dan inkwantu għas-somma ta' €394.61 lis-soċjetà rikorrenti Elmo Insurance Limited u inkwantu għas-somma ta' €169 lis-soċjetà rikorrenti Vision Car Leasing Limited u dan in

linea ta' danni; ikkundanna lis-soċjetà konvenut tħallas l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ottubru, 2015 ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta); u kkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-imgħaxijiet legali fuq il-*quantum* tad-danni b'effett mill-15 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-eventwali pagament, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi l-inċident in kwistjoni seħħ fl-Imġarr. Karl Fenech li kien bil-vettura tas-soċjetà rikorrenti qal li waqt li kien qiegħed id-dar u l-vettura tiegħu kienet ipparkjata barra, ġie xi ħadd iħabbatlu li għarrfu li kienet għaddiet karozza tal-linja u laqtitlu l-karozza tiegħu. Fil-fatt il-vettura kellha ħsarat fin-naħa tal-lemin ta' quddiem, liema ħsarat ma kinux hemm qabel x'ħin ipparkja. Qal ukoll li kien hemm żebgħa kulur ċelesti mal-karozza. Huwa għamel ir-rapport u l-Pulizija investigaw l-istess billi talbu informazzjoni lis-soċjetà Malta Public Transport (Services) Limited. Id-dettalji mitluba kienu dwar karozzi tal-linja li għaddew mit-triq in kwistjoni bejn is-6.00pm u s-7.00pm u dan meta fil-fatt Karl Fenech kien indikalhom li l-inċident seħħ bejn is-6.00pm u l-5.00pm.*[2]

*Illi s-sewwieq tal-BUS 158, Kelvin Donne, innega li huwa kien involut f'inċident bix-xarabank u inoltre qal li fil-ħin indikat mill-Pulizija (ossia bejn is-6.00pm u s-7.00pm) huwa kien qiegħed tas-Sliema u mhux l-Imġarr. Ma ngħatatx indikazzjoni ta' fejn kien l-imsemmi sewwieq bejn il-5.00pm u s-6.00pm.*

*Illi dan però ftit għandu rilevanza għall-każ stante li din hija azzjoni diretta kontra s-soċjetà assiguratriċi tal-kumpannija li tiġġestixxi l-buses. Għalhekk indipendentement minn min kien qed isuq il-Bus 158 fil-ħin in kwistjoni, għandu jiġi determinat jekk il-ħsara in kwistjoni effettivament saritx minn xarabank jew le.*

*Illi r-rikorrenti ma ġabux xhieda okulari tal-inċident u Karl Fenech indika li ma kienx jaf lil min għarrfu bl-inċident, għajr li "kien canvasser qed idur id-djar" u dan qallu li kienet xarbank u tah in-numru tax-xarabank, ossija BUS-158. Sinjifikanti però huwa l-fatt li Karl Fenech xehed li "mal-karozza kien hemm iż-żebgħa kulur ċelesti".*

[2] Karl Fenech xehed li l-inċident seħħ bejn il-5.30pm u s-7.00pm.

*Illi fir-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident in kwistjoni (Dok. RG1) taħt id-dettalji tad-danni fil-vettura assigurata mar-rikorrenti, hemm is-segwenti kumment:* "Damaged front right mudguard and front bumper with paint marking left from other vehicle in a light blue colour (Arriva Colour)" *(sic). Hemm indikat ukoll li,* "The mentioned damages were (sic) observed by PC 1511". *PC 1511 Kevin Tabone, ikkonferma bil-ġurament li spezzjona l-ħsarat fil-vettura li kienet ipparkjata.*

*Illi l-kulur li tħalla fejn kien hemm id-daqqa, jindika bl-aktar mod ċar li l-ħsarat kienu kkawżati minn xarabank.*

*Għalhekk fuq bażi ta' probabbilità l-Arbitru tqis li l-inċident seħħ mill-bus indikata, fejn waqt li kienet għaddejja minn ħdejn il-vettura tar-rikorrenti li kienet ipparkeġġjata, laqtitha (possibilment mingħajr ma ndunat) u baqgħet sejra.*

***Danni***

*Permezz ta' verbal li sar fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2016 ġie ddikjarat li l-quantum tad-danni ma kienx qed jiġi kkontestat.*

***Konklużjoni***

*Għal dawn il-motivi l-Arbitru tiddeċiedi billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, b'dan li tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-7 ta' Mejju, 2014 fi Triq Fisher, l-Imġarr, Malta, ġara unikament tort ta' assigurat tas-soċjetà rikorrenti[3]; tiddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw għas-somma ta' ħames mija tlieta u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmi (€563.61); tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €563.61 u dan in kwantu għas-somma ta' €394.61 dovuta lir-rikorrenti soċjetà Elmo Insurance Limited u dan in linea ta' danni; tikkundanna lill-intimat iħallas l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-15 t'Ottubru, 2015, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra s-soċjetà intimata; tikkundanna lill-intimat iħallas l-interessi legali fuq il-quantum tad-danni b'effett mill-15 t'Ottubru, 2015 sad-data tal-ħlas finali."*

[3] Ara fn. 1.

**L-Appell**

6. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-appell tagħha fl-24 ta' Ġunju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"...b'akkoljiment tal-aggravji mressqa mill-esponenti f'dan l-appell, tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fl-10 ta' Ġunju 2019, billi tiċħad it-talbiet tal-appellati u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-esponenti, bl-ispejjeż kontra l-istess appellati."*

7. L-appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal u fl-ewwel lok eċċepiet in-nullità tal-lodo arbitrali minħabba li l-kundanna tas-soċjetà intimata għall-ħlas tad-danni ma kinitx preċedura minn sejbien ta' responsabbilità fil-konfront tas-soċjetà intimata. Żiedet tgħid li l-fatt li t-tort għall-inċident ġie attribwit lill-"assigurat tas-soċjetà rikorrenti", jagħmel id-deċiżjoni waħda illoġika u proċeduralment monka. F'kull każ iżda, is-soċjetà appellanta ressqet l-aggravji tagħha daqslikieku t-Tribunal attribwixxa r-responsabbilità għall-inċident lilha. L-appellanta qalet li t-Tribunal ma setax raġonevolment jikkonkludi li l-inċident ġie kkawżat mill-*bus* indikata, li kienet għaddejja minn ħdejn il-vettura tar-rikorrenti li kienet ipparkjata, u laqtitha possibilment mingħajr ma indunat, u baqgħet sejra. L-appellanta qalet li sabiex t-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni, l-investigazzjoni li saret kienet ibbażata fuq jekk il-ħsara sofferta mill-vettura tar-rikorrenti kinitx ikkawżata minn xarabank jew le, u kkonsidra li ladarba t-traċċi mal-vettura tar-rikorrenti kienu ta' lewn ċelesti, dawn bilfors li saru minn karozza tal-linja. L-appellanta tgħid li

dan l-eżerċizzju jiddipartixxi kompletament mill-binarji ta' din l-azzjoni, peress li l-azzjoni tal-appellati hija msejsa fuq l-allegazzjoni li kienet vettura partikolari, BUS 158 li kkawżat l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u mhux kwalunkwe karozza tal-linja. L-appellanta qalet li kienu l-parametri tal-azzjoni kif promossa mir-rikorrenti li ddettaw in-natura tal-provi li tressqu minnha, u għalhekk il-provi tagħha kienu limitati għal vettura partikolari msemmija mir-rikorrenti, u mhux għal kwalsiasi xarabank li setgħet għaddiet mill-inħawi fil-ħin indikat mill-appellati bħala l-ħin meta allegatament seħħ l-inċident. Is-soċjetà appellanta qalet li dan issarraf fi żbilanċ kontra tagħha, minħabba li filwaqt li hija ressqet provi dwar dak li kien qiegħed jiġi allegat dwar vettura waħda partikolari, it-Tribunal firex l-eżerċizzju tiegħu għal kwalsiasi xarabank, u dan meta l-appellati stess identifikaw xarabank partikolari. L-appellanta qalet li fl-għoti tas-sentenza, il-ġudikant irid joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni mressqa quddiemu, u li l-materja li kellha tiġi determinata f'dawn il-proċeduri kienet dik jekk il-ħsara fil-vettura tal-appellati seħħitx mix-xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158. L-appellanta qalet li quddiem it-Tribunal ma tressqet ebda prova li kwalsiasi xarabank adoperata minn Malta Public Transport (Services) Limited hija assikurata mas-soċjetà appellanta, imma l-unika prova li kellu quddiemu t-Tribunal kienet li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158 hija assikurata mas-soċjetà appellanta. L-appellanta qalet li biex wasal għal din il-konklużjoni, it-Tribunal straħ fuq numru ta' assunzjonijiet, u mhux fuq fatti li ġew ippruvati. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta jgħid li abbażi tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, ma setax

raġonevolment jintqal li l-ħsara saret minn xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158, u mill-provi m'għandux jirriżulta li fuq bażi ta' probabbilità l-inċident inkwistjoni ġie kkawżat mill-vettura b'dan in-numru ta' reġistrazzjoni. F'dan ir-rigward, l-appellanta spjegat li ma ġiex ippruvat li l-ħsara ġiet ikkaġunata mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158, u l-allegazzjoni li l-inċident kien ikkawżat mill-vettura targata BUS 158 kienet biss *detto del detto,* li mhijiex ammissibbli bħala prova. L-appellanta qalet li l-persuna li indikat lil Karl Fenech in-numru tal-vettura involuta fl-inċident, ma ġietx identifikata u lanqas intalbet tixhed, u għalhekk din l-allegazzjoni ma ġietx ikkonfermata bil-ġurament, u aktar minn hekk, il-persuna li kontra tagħha saret din l-allegazzjoni ma kellhiex l-opportunità li tagħmel il-kontroeżami ta' din il-persuna. L-appellanta qalet ukoll li l-uffiċjali tal-Pulizija m'għamlu l-ebda investigazzjoni *a tempo vergine* sabiex jistabbilixxu jekk ix-xarabank indikata kellhiex xi ħsara, u jekk tali ħsara kinitx kompatibbli mal-inċident, anke jekk ingħataw l-informazzjoni kollha rilevanti mill-impjegati ta' Malta Public Transport (Services) Limited. L-appellanta qalet li wieħed kien jistenna li sabiex tiġi konkluża l-investigazzjoni, kellha tiġi eżaminata x-xarabank għal-fini ta' verifika dwar jekk din kellhiex ħsarat kompatibbli mal-inċident inkwistjoni, u li fin-nuqqas ta' dan, hemm nuqqas ta' prova ta' ness ta' kawżalità bejn id-dannu soffert u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158. L-appellanta qalet li l -unika allegazzjoni li kienet timmerita investigazzjoni kienet dik dwar iż-żebgħa ta' lewn ċelesti misjuba mal-vettura pparkjata. L-appellanta qalet li minkejja li Karl Fenech xehed dwar dan fil-kontroeżami,

huwa naqas milli jsemmi dan id-dettall tant importanti kemm fix-xhieda tiegħu, kif ukoll fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija. L-appellanta qalet li kulur identifikat bħala '*light blue colour*' mhux xi lewn użat esklussivament minn xi entità partikolari, u f'kull każ kellha titressaq prova li x-xarabank inkwistjoni kellha lewn *light blue* kif indikat. L-appellanta qalet li mis-*survey report* tal-vettura assikurata mas-soċjetà appellata, imkien m'hemm indikat li din il-vettura kellha xi traċċa ta' lewn ċelesti, u f'inċidenti bħal dawn wieħed jistenna li t-tiċpis taż-żebgħa jkun fejn hemm id-daqqa fuq il-vettura. L-appellanta żiedet tgħid li f'dan il-każ, id-daqqa kienet fil-parti ta' fejn il-'*front right wing*' tagħqad mal-*front bumper* tal-vettura, u f'din il-parti tal-vettura ma jidhru l-ebda traċċi ta' żebgħa. L-appellanta ssostni li anki f'każ li nġabet prova li mal-vettura assikurata mas-soċjetà appellata nstabu traċċi ta' żebgħa tal-istess lewn tal-vetturi tal-Arriva, xorta waħda jkun għad irid jiġi stabbilit li l-ħsara ġiet ikkawżata mill-vettura targata BUS 158. L-appellanta qalet li t-Tribunal injora għalkollox il-kontestazzjoni tax-xufier li dakinhar tal-inċident kellu fil-kontroll tiegħu l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158, Kevin Donne, ċaħad li huwa kien involut f'inċident bil-vettura li kien qed isuq. Dan ix-xhud anzi spjega li fil-ħin indikat mill-appellati bħala l-ħin li fih aktarx li seħħ l-inċident, jiġifieri bejn is-sitta u s-sebgħa ta' filgħaxija, huwa kien qiegħed Tas-Sliema bil-vettura inkwistjoni u mhux l-Imġarr. Karl Fenech stess xehed li huwa kien ipparkja l-vettura tiegħu quddiem id-dar wara l-ħamsa u nofs ta' filgħaxija, u madwar tliet kwarti jew siegħa wara xi ħadd kien ħabbatlu l-bieb tad-dar u infurmah li l-vettura tiegħu kienet intlaqtet minn xarabank. L-appellanta qalet

li min-naħa tagħha ressqet prova ċara li dak il-ħin il-vettura inkwistjoni kienet fuq ir-rotta ta' Tas-Sliema lejn Buġibba, u li l-Imġarr mhuwiex qiegħed f'din ir-rotta. L-appellanta qalet li minn dan isegwi li l-każ tal-appellati huwa msejjes fuq allegazzjonijiet u assunzjonijiet li ma jreġux, u li m'għandhomx iwasslu għall-konklużjoni li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 158 kienet responsabbli għall-inċident inkwistjoni.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, għalkemm fl-ewwel lok sejra tagħmel riferiment għas-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta li d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru hija nulla, u dan għaliex tonqos milli tattribwixxi r-responsabbilità għall-inċident lis-soċjetà intimata. Huwa ċar li l-Arbitru fid-deċiżjoni tagħha għamlet żball fis-sens li minflok ikkonkludiet li għal dan l-inċident kien responsabbli l-assikurat tas-soċjetà intimata, ir-responsabbilità għall-inċident ġiet attribwita lill-"assigurat tas-soċjetà rikorrenti". Għall-Qorti dan huwa żball ovvju u fuq din il-bażi biss mhijiex sejra ssib li s-sentenza tal-Arbitru hija nulla. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl tar-risposta tal-appellati u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata

*L-aggravju:* *apprezzament ħażin tal-fatti li wasslu għad-deċiżjoni li l-inċident kien ikkawżat mill-BUS-158*

8. L-appellanta tgħid li t-Tribunal għamel apprezzament skorrett tal-fatti miġjuba quddiemu, meta minflok ma għamel indaġini dwar jekk il-BUS-158 kinitx il-vettura li laqtet il-vettura assikurata mas-soċjetà rikorrenti u baqgħet sejra, intilfet f'analiżi dwar jekk l-inċident inkwistjoni setax kien ikkawżat minn vettura tal-linja, ta' lewn partikolari, u mhux neċessarjament minn dik targata BUS-158. L-appellanta tgħid li l-kliem tar-rikors imressaq mill-appellati kien ċar, fis-sens li skont il-fatti deskritti minnhom, waqt li l-vettura li kienet tintuża minn Karl Fenech kienet ipparkjata ġewwa Triq Fisher, l-Imġarr, din sfat milquta mill-vettura identifikata bħala dik targata BUS-158, li baqgħet sejra. L-appellanta tgħid li t-Tribunal, minflok evalwa l-provi sabiex jara jekk l-inċident inkwistjoni kienx ikkawżat minn din il-karozza tal-linja partikolari, iddevja l-indaġni tiegħu għal analiżi sħiħa dwar jekk l-inċident inkwistjoni kienx ikkawżat minn kwalsiasi karozza tal-linja. L-appellanta tgħid ukoll li dan ħoloq sitwazzjoni fejn filwaqt li huma ffukaw fuq karozza tal-linja waħda, dik identifikata fl-Avviż għall-Ftehim, it-Tribunal wessa' l-indaġini tiegħu b'tali mod li inkluda fiha l-possibilità li l-inċident inkwistjoni seta' kien ikkawżat minn kull karozza tal-linja, u mhux minn dik identifikata. Kompliet tgħid li dan ħoloq żbilanċ kontra tagħha, minħabba li fid-difiża tagħha hija ffukat fuq provi marbuta mal-karozza tal-linja targata BUS-158 u mhux fuq kull karozza tal-linja assikurata magħha.

9. Il-Qorti tqis li minkejja li fi proċeduri quddiem tribunal arbitrali, il-lodo jingħata fuq il-bażi tal-ekwità, biex deċiżjoni verament tkun ekwa u ġusta trid tkun waħda li tirrispekkja l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u li tħares l-interessi tal-partijiet fil-kawża, b'tali mod li kull waħda mill-partijiet tingħata ċ-ċans li tagħti l-verżjoni tagħha tal-fatti kif ġraw, kif ukoll li tressaq il-provi meħtieġa sabiex tipprova l-każ tagħha. F'dan il-każ, jirriżulta li huwa minnu li t-Tribunal wessa' l-indaġini tiegħu, u straħ fuq il-prova tal-kulur taż-żebgħa mal-parti milquta tal-vettura tal-appellati sabiex ikkonkluda li l-inċident kien ikkawżat minn karozza tal-linja, u għalhekk il-vettura indikata, dik targata BUS-158 ikkawżat l-inċident inkwistjoni.

10. Mill-provi jirriżulta li Karl Fenech kien ġie mgħarraf bl-inċident wara li xi ħadd ma kienx jafu ħabbatlu l-bieb tad-dar u infurmah li kienet il-BUS-158 li għaddiet mit-triq, laqtitu u baqgħet sejra. Minn verifiki li saru, irriżulta li l-BUS-158 fid-data tal-inċident kienet misjuqa minn ċertu Kelvin Donne, xufier ma' Malta Public Transport (Services) Limited, li mill-ewwel ċaħad li huwa seta' kien involut f'inċident ta' din ix-xorta. Ix-xufier eskluda l-possibilità ukoll li huwa seta' laqat il-vettura mingħajr ma induna, u wara li saru verifiki ulterjuri ġie stabbilit li fil-ħin li fih possibilment seta' seħħ l-inċident, it-*time window* indikata kienet dik ta' bejn il-5.30pm u s-7.00pm, il-vettura BUS-158 kienet qiegħda tinstaq fuq ir-rotta ta' bejn Tas-Sliema u Buġibba, liema rotta ma tinkludix lill-Imġarr. Punt importanti li ħareġ mill-provi kien li l-vettura assikurata mas-soċjetà rikorrenti ġiet eżaminata, imma l-karozza tal-linja li allegatament kienet involuta f'dan l-inċident ma ġietx eżaminata, u għalhekk

baqa' ma ġiex stabbilit jekk din kellhiex fuqha xi marki li jindikaw li din setgħet kienet involuta fl-inċident inkwistjoni. L-appellanta tgħid li fl-għoti tas-sentenza, il-ġudikant irid jiddeċiedi skont il-limiti tal-kontestazzjoni li jkollu quddiemu, u l-indaġini li kellu jagħmel it-Tribunal kienet ċirkoskritta għal jekk il-karozza tal-linja targata BUS-158 kinitx involuta fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri jew le. F'dan ir-rigward, żiedet tgħid l-appellanta, il-prova li mal-vettura assikurata mas-soċjetà rikorrenti kien hemm tiċpis ta' żebgħa ta' lewn blu ċar mhuwa tal-ebda rilevanza, għaliex il-prova li kellha ssir kienet jekk il-vettura targata BUS-158 kinitx involuta fl-inċident inkwistjoni jew le. L-appellanta sostniet ukoll li ma nġabet l-ebda prova li l-vetturi operati mid-ditta Arriva huma kollha assikurati magħha, u għalhekk it-Tribunal lanqas ma seta' jiddeċiedi li f'każ li l-inċident kien ikkawżat minn kwalsiasi karozza tal-linja, ir-responsabbilità għall-ħlas tad-danni hija tal-appellanta.

11. Tqis illi f'deċiżjoni fl-ismijiet **Phyllis Ebejer *vs.* Joseph Aquilina**[4], inkiteb illi:

> "Il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti f'każijiet eċċezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."

Tqis ukoll illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Cini *vs.* George Wells**[5] Qorti nkiteb illi:

> "Huwa prinċipju bażilari segwit minn din il-Qorti ta' reviżjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt li din il-Qorti qatt ma tiddisturba

[4] P.A.,10.01.1995.
[5] Q.A., 15.11.2014.

leġġerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jissuġġerixxu mod ieħor."

12. Kwantu għall-ewwel aggravju miġjub mis-soċjetà appellanta, din il-Qorti trid bilfors l-ewwel tevalwa l-provi prodotti quddiem it-Tribunal, sabiex tara jekk dan setax raġonevolment u fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, jasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Dan jorbot ukoll mat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta. F'dan il-każ, il-Qorti ma tara li hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn id-danni li saru fuq il-vettura assikurata mas-soċjetà appellata, u l-vettura BUS-158 assikurata mas-soċjetà appellanta. Din il-Qorti tqis li l-unika prova li seta' kien hemm li l-inċident inkwistjoni ġie kkawżat mill-vettura targata BUS-158, kienet x'intqal *detto del detto* lil Kevin Fenech minn individwu li ma ġiex identifikat, u li ma ttellax jixhed. Kevin Fenech stess stqarr li dan l-individwu kien xi ħadd li inzerta qiegħed iħabbat il-bibien fl-inħawi, u li huwa ma kienx jafu. Min-naħa l-oħra hemm id-dikjarazzjoni tax-xufier tal-vettura BUS-158, li ċaħad li huwa seta' kien involut f'xi inċident waqt li kien fuq xogħlu, u minn provi oġġettivi li nġabu għall-attenzjoni tat-Tribunal, irnexxielu jipprova li fit-*time window* li fih seta' seħħ dan l-inċident, huwa kien ferm bogħod mill-Imġarr, fuq rotta kompletament differenti. L-uniku fattur li seta' jindika li l-inċident inkwistjoni ġie kkawżat minn vettura tal-kumpannija Arriva, kien il-fatt li mal-vettura assikurata mas-soċjetà appellata, instab tiċpis ta' żebgħa ta' lewn ċelesti ċar, kulur li kien użat fuq il-karozzi tal-linja tal-kumpannija Arriva fiż-żmien meta seħħ l-inċident. Imma l-Qorti tqis illi sabiex l-azzjoni miġjuba kontra s-soċjetà appellata tirnexxi, il-prova li kellha tinġieb ma kinitx li l-

inċident aktarx li kien ikkawżat minn karozza tal-linja, imma li l-inċident ġie ikkawżat mill-karozza tal-linja targata BUS-158, partikolarment meta jista' jagħti l-każ li mhux kull vettura tal-Arriva kienet assikurata mas-soċjetà appellanta.

13. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u b'hekk tħassar id-deċiżjoni appellata, u dan in vista tal-fatt li ma ġiet ippruvata l-ebda konnessjoni bejn id-danni sofferti mill-appellati, u l-vettura assikurata mas-soċjetà appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqa' l-aggravji tas-soċjetà appellanta, tiċħad it-talbiet tal-appellati u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjetà appellanta, bl-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali u ta' dan l-appell, kontra l-istess appellati.**

Moqrija.

**Onor Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**